



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2009/2002B(BUD)

6.8.2009

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2010, Taqsima I - Parlament Ewropew
(C6-0000/2009 – 2009/2002B(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Peter Šťastný

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-parlamentari, bħala rappreżentanti eletti taċ-ċittadini, għandhom rwol importanti fin-negozjati kummerċjali u, b'mod partikolari, fin-negozjati tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO);
2. Jenfasizza li l-Parlament u l-Unjoni Interparlamentari, organizzazzjoni internazzjonali bbażata f'Ġinevra, ilhom mill-2002 jorganizzaw u jiffinanzjaw flimkien il-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, mekkaniżmu permanenti ta' sorveljanza parlamentari fuq id-WTO, li l-attivitajiet tiegħu jistgħu jkunu intensifikati;
3. Jinnota li l-għan ewlieni tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO hu t-titjib tat-trasparenza esterna tad-WTO u li d-WTO tkun responsabbli għal-leġiżlaturi bħala r-rappreżentanti eletti tal-poplu; jinnota wkoll li din hija forum fejn membri mill-parlamenti tad-dinja kollha jaqsmu l-fehmiet, it-tagħrif u l-esperjenzi tagħhom dwar kwistjonijiet ta' kummerċ internazzjonali u jagħtu dimensjoni parlamentari lid-WTO billi:
i) jissorveljaw l-attivitajiet tad-WTO u jippromwovu l-effikaċja u l-ekwità tagħhom, ii) jippromwovu t-trasparenza tal-proċeduri tad-WTO u jtejbu d-djalogu bejn il-gvernijiet, il-parlamenti u s-soċjetà ċivili, u iii) jibnu l-kapaċitajiet fil-parlamenti fil-kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ internazzjonali u jeżerċitaw l-influwenza tagħhom fuq id-direzzjoni tad-diskussjonijiet fi ħdan id-WTO;
4. Itenni l-għan iddikjarat tiegħu li n-negozjati tad-WTO jibdew jimxu id f'id mal-proċess parlamentari; jenfasizza, għalhekk, li fil-ġejjieni se jkun hemm ħtieġa kontinwa li tiġi ffinanzjata din l-attività kruċjali; jinnota, f'dan ir-rigward, li fl-2010 se ssir tal-inqas is-Sessjoni Annwali tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, jew fl-istess żmien tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO - jekk issir - jew inkella fi Brussell jew f'Ġinevra, u li se jsiru żewġ sessjonijiet tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Konferenza f'Ġinevra;
5. Huwa ddeterminat, bħala koorganizzatur tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, li jiżgura li jkun hemm biżżejjed approprjazzjonijiet biex ikun hemm parteċipazzjoni adegwata, bl-infrastruttura neċessarja, tad-delegazzjonijiet tiegħu fil-laqgħat kollha u biex ikunu koperti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u s-sussistenza ta' sitt rappreżentanti tal-pajjiżi tal-AKP;
6. Jirrimarka li, jekk tiġi organizzata Konferenza Ministerjali tad-WTO fl-2010, il-Parlament jiggarrantixxi t-tiżiħ tal-linja baġitarja 3 0 4 4 sabiex ikunu koperti l-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni, fl-istess żmien, ta' sessjoni tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO.